**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 833/97

Carmel Gauci

vs

Korporazzjoni EneMalta

Illum 21 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn fis-sena 1995, ir-rikorrenti sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt illi l-Korporazzjoni enforzat decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja parzjalment.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita' taghhom, kienu s-segwenti:

Illi b'decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kien gie deciz illi:

"Bhala rimedju, il-Kummissjoni tirrakomanda illi l-applikant jinghataw l-istess trattament mill-Bord ta' l-EneMalta kif gie moghti lil dawk il-persuni li bhalhom kellhom l-istess esperjenza fix-xoghol u dan kif kienet irrakomandat il-Kummissjoni idipendenti tal-EneMalta meta qalet:

"his claim should be considered in terms of policy decision no 3 and if found suitable for promotion to W.T.O. to be given a notional date of appointment with effect from 23.1.87" u dan kif jirrizulta mid-dokument A anness.

Illi l-Korporazzjoni effettwat din id-decizjoni *in parte* fis-sens illi r-rikorrent gie moghti l-promozzjoni misthoqqa lilu izda b'effett mill-1 ta' Jannar tan-1991 minflok mit-23 ta' Jannar 1987, kif kien gie deciz u dan kif jirrizulta mid-dokument B anness.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent giet

kommessa ngustizzja meta ma gietx implimentata d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (2) illi jinghata l-arretrati dovuti mit-23 ta' Jannar 1987 sal-1 ta' Jannar 1991.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi r-rakomandazzjoni li ghamlet il-Kummissjoni ghal Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet tghid "*inter alia*" illi t-talba tar-rikorrent kellha tintlaqa' u jinghata notional date of appointment with effect from 23/1/1987.

Illi fil-fatt din ir-rakkomandazzjoni giet effetwata kif jidher fl-ittra tal-hatra li ggib id-data ta' 12 ta' Awissu 1994 li nghatat mir-rikorrent.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent xehed li kien applika quddiem il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji pero` mhux fuq it-talba odjerna izda fuq it-talba originali kif in segwitu kien hemm decizjoni tal-Kummissjoni tal-Investigazzjoni. Fl-affidavit semma li ghall-habta ta’ Jannar 1987 kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-grad ta’ WTO, u li hu kien interessat f’din il-kariga peress illi kien konfidenti mill-kwalifiki tieghu u applika. Wara ftit granet ircieva komunika fis-sens illi l-applikazzjoni tieghu kienet qieghda tigi rifjutata peress illi gie allegat li ma kienx eligibbli skond il-kundizzjonijiet tac-cirkolari nru. 10/87, u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-dokument B anness. Sostna li din kienet skorretta u bla bazi ghax kien jissodisfa l-elementi kollha rikjesti mic-cirkolari 10/87 u dan wara li ivverifika mal-kopja ta’ l-istess cirkolari.

Semma li certu Pawlu Scicluna li kien beda mieghu u ghamel l-istess korsijiet bhalu, kien rebah il-kawza tieghu quddiem il-Kummisjoni indipendenti ta’ l-Enemalta u kien ha l-promozzjoni.

Ir-rikorrent kien ha il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u din kienet iddecidiet favur tieghu u kienet ordnat li fil-kaz tieghu kellu jigri l-istess bhal ma gara wara decizjoni mghotija mill-Kummisjoni Indipendenti ta’ l-Enemalta.

F'dik id-decizjoni id-data li fiha kellha tigi fis-sehh l-promozzjoni kienet it-23 ta' Jannar 1987, izda fil-kaz tieghu, l-Enemalta applikat id-data meta tigi fis-sehh il-promozzjoni li l-Kummisjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji ordnat li jinghata bhala 1 ta' Jannar 1994. Ukoll l-arretrati hadhom bis-sehh mill-1 ta' Jannar 1991.

Fid-9 ta' Gunju 2000, il-partijiet qablu li bhala stat ta' fatt ir-rikorrent ha l-promozzjoni b'effett mit-23 ta' Jannar, 1987.

Ikkunsidra li dan hu kaz li jammonta ghal ingustizzja flagranti. Mela l-ewwel ir-rikorrent ma inghatax il-promozzjoni li kien haqqu. Wara dan sar il-kaz ta' Pawlu Scicluna u xorta wahda ma sar xejn. Ir-rikorrent kellu joqghod imur quddiem il-Kummissjoni biex jottjeni gustizzja. Wara dan xi bravu iddecida li ma jimxix mad-decizzjoni tal-Kummissjoni ghax hass li hu aktar bravu mill-istess Kummissjoni u d-decizzjoni tal-Prim Ministru. B'hekk min kien responsabbli [propjament irresponsabbli!] ghad-decizzjoni ikkawza tant dwejjaq lir-rikorrent meta kellu direttivi cari fuq xix jimxi. Minflokk ha gost jahli l-hin tal-Kummissjoni, tal-Prim Ministru u tad-Direttur Generali MPO, u ta' dan it-Tribunal.

Hu tant logiku li jekk il-promozzjoni kella tkun b'effett mit-23 ta' Jannar, 1987, il-paga li kella tithallas kellu jkun ukoll minn dik id-data u ghalhekk id-differenza fil-paga trid tapplika minn l-istess data.

Ghal dawn il-motivi, jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata. Peress li t-talba hi gustifikata, jilqaghha; it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv fil-hlas tad-differenza fil-paga mit-23 ta' Jannar, 1987 sal-1 ta' Jannar, 1991.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.